

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/94

tat-30 ta' Ottubru 2018

li jemenda r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 807/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jintroduċi dispożizzjonijiet tranżitorji

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3), l-Artikolu 36(5) u l-Artikolu 45(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 807/2014⁽²⁾ li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1305/2013. Ir-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾ emenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 billi ssimplifika r-regoli ġenerali li jirregolaw il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Għalhekk, jenħtieġ li l-elementi mhux essenzjali li jissupplimentaw dawn ir-regoli ġenerali jiġu emendati skont dan.
- (2) Ir-regoli dwar l-istabbiliment konġunt ta' bdiewa żgħażaġh ġew introdotti fl-Artikolu 2(1)(n) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u nżiedet definizzjoni ta' "data ta' stabbiliment" fl-Artikolu 2(1)(s) ta' dak ir-Regolament.
- (3) Fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013, iddaħħal Artikolu 39a ġdid, li jipprevedi appoġġ lill-bdiewa permezz ta' għodda ta' stabbilizzazzjoni tad-dħul għall-bdiewa ta' settur speċifiku.
- (4) Ir-regoli dwar l-istrumenti finanzjarji ġew issimplifikati bil-għan li jarmonizzaw ir-regoli dwar l-eliġibbiltà skont is-settur għal proġetti ta' investiment appoġġati mill-FAEŻR mar-regoli komuni applikabbli għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kollha. B'mod partikolari, ġiet introdotta deroga minn ċerti regoli ġenerali dwar l-eliġibbiltà applikabbli għall-operazzjonijiet tal-investimenti tal-FAEŻR, stabbiliti fl-Artikolu 45(1) sa (3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, filwaqt li tibqa' applikabbli l-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 807/2014 jiġi emendat skont dan.
- (6) Billi r-Regolament (UE) 2017/2393 emenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 mill-1 ta' Jannar 2018, huwa xieraq li jsiru applikabbli mill-istess data l-emendi korrispondenti għar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 807/2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 807/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Bidwi żaġhżuġh

1. Il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-appoġġ għal bidwi żaġhżuġh, skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1)(n) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, l-istabbiliment f'azjenda agrikola bħala l-kap ta' dik l-azjenda b'mod konġunt ma'

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 487.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 807/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jintroduċi dispożizzjonijiet tranżitorji (ĠUL 227, 31.7.2014, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u (UE) Nru 652/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti (ĠUL 350, 29.12.2017, p. 15).

bdiewa oħrajn għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk il-kundizzjonijiet meħtieġa għal bidwi żgħażuġh biex jistabbilixxi lilu nnfisu bħala l-kap uniku ta' azjenda agrikola. Fil-każijiet kollha, il-bdiewa żgħażuġh għandu jkollhom kontroll fuq l-azjenda agrikola kif definit bid-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istat Membru.

2. Meta l-applikazzjoni għall-appoġġ tikkonċerna azjenda agrikola li tkun proprjetà ta' persuna ġuridika, bidwi żagħżuġh skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1)(n) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għandu jeżerċita kontroll fuq il-persuna ġuridika kif definit bid-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istat Membru. Meta diversi persuni fiżiċi, inkluża/i persuna/i li mhijiex bidwi żagħżuġh/li mhumiex bdiewa żgħażuġh, ikollhom sehem fil-kapital jew fil-ġestjoni tal-persuna ġuridika, il-bidwi żagħżuġh għandu jkun kapaċi jeżerċita dan il-kontroll b'mod individwali jew b'mod konġunt ma' bdiewa oħra.

Meta persuna ġuridika tkun ikkontrollata b'mod individwali jew b'mod konġunt minn persuna ġuridika oħra, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw għal kwalunkwe persuna fiżika li jkollha kontroll fuq dik il-persuna ġuridika l-oħra.

3. Madankollu, il-benefiċjarju jista' jingħata perijodu ta' konċessjoni li ma jaqbiżx 36 xahar mid-data tad-deċiżjoni individwali tal-ġhoti tal-appoġġ, sabiex ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet relatati mal-kisba tal-ħiliet okkupazzjonali speċifikati fil-programm għall-iżvilupp rurali."

(2) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 12

Self kummerċjali għall-fondi mutwi

Meta s-sors tal-fondi għall-kumpens finanzjarju li jrid jitħallas mill-fondi mutwi msemmija fl-Artikoli 38, 39 u 39a tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 ikun self kummerċjali, it-tul ta' żmien tas-self għandu jkun bejn sena u ħames snin."

(3) Fl-Artikolu 13, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, meta l-appoġġ jingħata fil-forma ta' għotjiet, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER